MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1641/2010

**MF Electrix Limited
C-36178**

**vs**

**Tal-Herba Construction Limited
C-14183**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet illi jigi dikjarat illi s-Socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-Socjeta’ attrici fis-somma ta’ elf, disa’ mija, tnejn u ghoxrin Ewro u sitta w sebghin centezmu (€1,922.76c) rapprezentanti prezz ta’ dwal, bozoz u accessorji relatati mibjugha u kkonsenjati mis-Socjeta’ attrici lis-Socjeta’ konvenuta; u dana skond il-fattura numerata *29106* li kopja taghha giet annessa u mmarkata bhala Dokument X.

Is-Socjeta’ konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti. (Dokument Y)

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali numerata *2315/2010*, u bl-interessi mis-7 ta’ Novembru, 2008 li hija d-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-Socjeta’ konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li s-Socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf, disa’ mija, tnejn u ghoxrin Ewro u sitta w sebghin centezmu (€1,922.76c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------